MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 115/2007

Kawza fil-lista: 2

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi l-esponenti zzewget lill-konvenut fit-22 ta’ Jannar 2004, mil-liema zwieg ma twieldux tfal.

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dritt u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjoni essenzjali taz-zwieg.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

4. Illi l-kunsens tal-partijiet, ghalkemm ma kienux interdetti jew morda b' mohhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

5. Illi dan iz-zwieg ma gie kkunsmat.

6. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini ta' l-artikoli 19A, 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1)(h).

Rat li l-konvenuta debitament ingunta ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-22 ta' Jannar 2004 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d][f] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Jannar 2004 meta allura l-attur, cittadin Libjan, kellu 29 sena, u l-konvenuta, cittadina Maltija, kellha 20 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ftit xhur. Peress li kienet ser taghlaq il-visa tas-soggjorn ta' l-attur f' Malta, il-partijiet izzewgu malajr fi ftit xhur, izda jidher car li l-konvenuta ma kinitx lesta li f' dak il-mument hija tghix il-hajja mizzewga ma' l-attur, tant li meta zzewgu l-konvenuta baqghet toqghod mal-genituri taghha li lanqas biss kienu jafu li binthom kienet izzewget; u <u>z-zwieg baqa' ma giex kkunsmat</u>. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Sussegwentement il-partijiet ma baqghux jiffrekwentaw lil xulxin u konvivenza matrimonjali ma kienx hemm.

Illi mill-kwadru premess jikkonfigura fil-konfront tal-konvenuta l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat, stante li, ghalkemm il-konvenuta esternament ghaddiet minn cerimonja ta' zwieg, internament u b' att posittiv tal-volonta' taghha hija eskludiet iz-zwieg innifsu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li t-talba attrici ssib sostenn fil-provi u hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta' l-artikolu 19[1][f] tal-Kap.255, da parti tal-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' Jannar 2004. L-ispejjez jigu sopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------